**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, sbatax (17) ta' Settembru 2024

Kawża Nru 394/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

Vs

**Samantha Marie Debono**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Samantha Marie Debono**, bint Franco u Georgina nee Grech, imwielda Rabat, Għawdex fil-ħamsa (5) ta' Ottubru 1995 u residenti ġewwa Villa Debono, Triq l-Ghejun, Xaghra talli nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu 2023, għall-ħabta tal-erbgħa neqsin kwart ta' wara nofsinhar (15:45hrs) ġewwa Triq Ninu Cremona, Rabat Ghawdex:

(1) b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħha, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunat offiża (ġrieħi) gravi fuq il-persuna ta' Raymond Calleja, mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali (u cioe' li ġabet il-konsegwenzi msemmija taħt l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali) hekk kif iccertifika Dr Nicholas Vella mill-isptar Generali ta' Ghawdex;[1]

(2) saqet il-vettura ta' għamla Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni SAM510 b'manjiera, traskurata, perikoluża u bla kont.[2]

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-imputata milli tottjeni jew tipposjedi liċenzja tas-sewqan għal żmien li jidhrilha xieraq.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

---

[1] Artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9
[2] Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ kienu s-segwenti: nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Awissu 2023, il-Pulizija fl-Għassa tar-Rabat, Għawdex ġew infurmati li kien seħħ inċident stradali fi Triq Ninu Cremona, ir-Rabat, Għawdex bejn vettura tal-marka Citroen bin-numru tar-reġistrazzjoni SAM 510 u mutur tal-marka Daelim bi-numru tar-reġistrazzjoni GBQ 686. Minn investigazzjonijiet li għamlu l-Pulizija fuq il-post irriżulta li l-vettura kienet qed tinstaq mill-akkużata Samantha Marie Debono filwaqt li l-mutur kien qed jinstaq minn Raymond Calleja. Debono stqarret mal-Pulizija li hija kienet nieżla minn Triq Ninu Cremona fejn f'daqqa waħda rat mutur li ħareġ mill-parking spaces li hemm fejn il-Villa Rundle. Hekk kif waslet miegħu, dan il-mutur għamel 3-point turn biex jiġi jħares 'l fuq bil-konsegwenza li l-akkużata laqtitlu t-tyre ta' wara tal-mutur b'quddiem tal-vettura tagħha. Min-naħa tiegħu Raymond Calleja stqarr mal-Pulizija waqt li kien l-Isptar li l-akkużata kienet ġejja gas down minn Triq Ninu Cremona u waqfet x'ħin indunat bl-impatt li kellha miegħu. Meta kien qed jixhed quddiem il-Qorti huwa stqarr li l-akkużata ħassha ġejja bi speed qawwi u li huwa għamel azzjoni evażiva biex jevita l-impatt.

Ikkunsidrat;

- **L-Ewwel Akkuża – Artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9**

Biex tirriżulta l-ewwel akkuża li qed tiġi addebitata lill-akkużata huwa fundamentali li tiġi pruvata kondotta negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta' ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, u ordnijiet simili. Din trid tkun segwita b'ness ta' kawżalita' mal-akkadut dannuż involontarju. Fi kliem **Antolisei**, irid ikun hemm, *"quel rapporto di causalita' che deve intercedere tra la condotta imprudente o neglgente e l'evento."*[3]

Issir riferenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Tarcisio Fenech***[4] fejn il-Qorti irrimarkat is-segwenti:

> *"Kif jispjega il-ġurista Taljan Francesco Antolisei biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta għal xi fini partikulari tista' tagħti lok għal konsegwenzi dannużi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-*

[3] Antolisei F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,* 14th Edizione (2002), Dott. A. Giuffre Editore (Milano), p 73. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Friggieri**, deċiża fil-11 ta' Lulju 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri)

[4] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu 1998.

*esperjenza teknika – cioe' l-esperjenza komuni għal bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jespletaw attivita partikulari – tgħallem li f'dawn il-każijiet wieħed għandu juża ċerta prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi tal-oħrajn jiġu preġudikati. Jekk wieħed jabbina dak li jgħallem l-Archbold ma' dak illi qalet din is-sentenza l-attivita tal-appellat trid tkun b'tali mod illi fl-esperjenza tiegħu bħala persuna teknika kellhu jieħu ċerta prekawzjonijiet bl-għan li jevita li l-interessi ta' terzi jiġu preġudikati. Il-Qorti trid tara jekk dawn il-prekawzjonijiet itteħdux jew jekk ittieħdu min kien li abbuża minnhom."*

Din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbatax (14) ta' Diċembru 1957 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Carmel Grech*** fejn ingħad illi:

*"Meta bniedem jqiegħed lilu nniffsu f'posizzjoni ta' perikolu u jiġi ferut huwa jkun negliġenti. Imma jekk min ferih kien negliġenti, wkoll dan jibqa' ugwalment responsabbli kriminalment, jekk in-negliġenza tal-offiż kienet biss kontributorja u mhux għal kollox kawża unika u determinati ta' dak li ġara."*

Dan in linea mal-prinċipju li f'sede kriminali kulħadd iwieġeb għall-aġir tiegħu sakemm dak li jiġri ma jkunx dovut unikament w esklussivament għall-ħtijiet da parti ta' terzi.[5]

Ikkunsidrat;

Minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta li l-akkużata kienet nieżla minn Triq Ninu Cremona filwaqt li l-mutur tal-parte civile kien parkeġġjat fuq ix-xellug tal-istess triq viċin il-Villa Rundle fejn hemm postijiet ta' parkeġġ fl-istess triq. F'punt minnhom il-parte civile ħareġ minn dan il-post ta' parkeġġ u f'dak il-ħin seħħ l-inċident bejn il-vettura tal-akkużata u l-mutur. L-akkużata isostni li l-inċident seħħ għaliex tal-mutur għamel u-Turn biex jitla' 'l fuq kontra l-linja filwaqt li l-parte civile fl-ewwel verżjoni li ta lill-Pulizija jgħid li l-vettura kienet ġejja gas down u waqfet biss x'ħin indunat bl-impatt li kellha miegħu. Meta kien qed jixhed quddiem din il-Qorti diversament preseduta, il-parte civile stqarr li huwa ħass lill-parte civile ġejja bi speed qawwi u ipprova jiskapulaha billi kiser fuq ġenb. Fix-xhieda tiegħu ma jistqarrx fuq liema ġenb kiser għalkemm mir-ritratti esebiti fis-seduta tal-lum jidher li huwa kiser fuq il-lemin tiegħu għax hemm spiċċa l-mutur wara l-ħabta.

---

[5] Ara f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Gaetano Schembri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax(16) ta' Marzu 1961 u **Il-Pulizija v John Polidano** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta (3) ta' Novembru 1963.

Huwa minnu li kien hemm xhud okulari ta' dan l-inċident. Madankollu għalkemm il-Pulizija kienet infurmata li din kienet sejra titlaq minn dawn il-Gżejjer, ma jidher li sar l-ebda tentattiv biex ix-xhieda ta' dan ix-xhud tittieħed qabel din titlaq minn Malta. Il-Qorti għalhekk ma tistax tieħu in kunsiderazzjoni dak li din ix-xhud qalet lill-Pulizija fl-istadju tal-investigazzjoni għax tali verżjoni fl-ebda ħin ma ġiet konfermata bil-ġurament. Il-Qorti tista' toqgħod biss fuq ix-xhieda li instemgħu tul dawn il-proċeduri.

Wara li qieset l-atti kollha ta' dan il-proċess, b'mod partikolari x-xhieda mogħtija din il-Qorti mhijiex konvinta li l-inċident ġara tort tal-akkużata. Dan għas-segwenti raġunijiet:

(a) Li kieku l-akkużata kienet għaddejja bi speed qawwi hekk kif sostna l-parte civile, il-mutur tiegħu ma kienx jispiċċa mal-bieba tal-vettura tax-xufier iżda kien jispiċċa jtir bid-daqqa. Dan huwa indikattiv li l-akkużata ma kinitx għaddejja bi speed qawwi hekk kif allegat mill-parte civile;

(b) il-parte civile ma kienx koerenti fil-mod ta' kif iddeskriva l-inċident. Fil-verżjoni li huwa ta a tempo vergine lill-Pulizija ma jsemmi xejn li huwa għamel azzjoni evażiva biex jevita lill-akkużata. Kien biss meta huwa kien qed jixhed quddiem din il-Qorti diversament preseduta li jgħid li ra lill-akkużata ġejja mill-mera tiegħu b'veloċita qawwija u li għamel azzjoni evasiva biex

jevitaha, liema azzjoni evażiva ma rnexxitlux. Apparti minn hekk jekk verament l-parte civile ried jagħmel azzjoni evażiva, is-sens komun jgħidlek li huwa ma kienx jiġbed lejn il-lemin iżda kien jiġbed lejn ix-xellug tiegħu.

(c) Id-daqqa fil-vettura tal-akkużata kienet fil-ġenb tan-naħa tax-xufier tal-vettura. Li kieku l-mutur tal-parte civile kien sejjer fl-istess direzzjoni tal-vettura u l-vettura u l-mutur ħabtu ma' xulxin, id-daqqiet fuq il-vettura kienu jkunu aktar lejn in-nofs tagħha u mhux fil-ġenb. Dan aktar jagħti kredibbilita lil dak li qalet l-akkużata fejn sostniet li l-parte civile għamel u-turn għall-għarrieda biex il-mutur jitla 'l fuq kontra l-linja;

(d) L-kumpanija assikuratriċi tal-parte civile aċċettat it-tort tal-inċident u mingħajr ebda esitazzjoni ħallset id-danni sofferti fil-vettura tal-akkużata. Li kieku l-kumpanija assikuratriċi tal-parte civile kellha imqar l-iċken ħjiel li l-inċident ma ġarax tort tal-assikurat tagħha żgur li ma kinitx sejra tagħmel dan il-pass u tħallas id-danni fi żmien meta kienu għadhom għaddejjin il-proċeduri kriminali b'rabta ma' dan il-każ kontra l-istess akkużata;

(e) il-verżjoni li tat l-akkużata lill-Pulizija *a tempo vergine* kif wkoll meta xehdet quddiem din il-Qorti kif preseduta kienet waħda koerenti u konsistenti dwar il-modalita kif seħħ l-inċident. Dan aktar jagħti kredibbilita lill-verżjoni tagħha;

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-kawża prossima tal-inċident kienet l-istess parte civile. Jidher li wara li huwa ħareġ mill-post ta' parkeġġ tiegħu u minkejja li kien konxju li kienu ġejjin vetturi minn warajh (għax rahom fil-mera) għażel li jagħmel manuvra biex possibilment idur 'l fuq bil-konsegwenza li seħħ l-inċident bejn l-istess mutur u l-vettura tal-akkużata. Tali manuvra lanqas biss setgħet issir għaliex it-triq kienet one-way. Għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi biex tillibera lill-akkużata minn din l-ewwel akkuża.

Fi kwalunkwe każ wkoll, mill-provi prodotti ma rriżultax li l-parte civile soffra feriti ta' natura gravi għaliex iċ-ċertifikati mediċi esebiti kollha qed jindikaw li l-parte civile soffra feriti ta' natura ħafifa. Għalhekk li kieku rriżulta li l-akkużata kienet il-kawża tal-inċident, il-Qorti setgħet issibha ħatja biss li ikkaġunat feriti ta' natura ħafifa u mhux tal-akkuża kif ġiet addebitata lilha.

- **<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65</u>**

La darba ġie stabbilit li l-kawża prossima tal-inċident kien il-parte civile, din it-tieni akkuża lanqas ma tista' tirriżulta. Il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sewqan tal-akkużata u dan għar-raġunijet ġia speċifikati f'din is-sentenza. Għalhekk din l-akkuża lanqas ma tirriżulta.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużata ħatja</u>** tal-akkużi miġjuba fil-konfront tagħha u qed tilliberaha minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur